31998D0470

L 208/54 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.7.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 1998

li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni dwar il-verifiki veterinarji

(notifikata taħt id-dokument numru C(1998) 1741)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/470/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna l-verifiki veterinarji tal-kummerċ intra-Komunitarju bl-għan tat-twettieq tas-suq intern [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi, sabiex l-informazzjoni bażika dwar il-verifiki veterinarji mwettqa fl-Istati Membri permezz tad-Direttiva 89/662/KEE tista' tkun eżaminata fil-Kumitat Permanenti Veterinarju, il-Kummissjoni teħtieġ li jkollha disponibbli informazzjoni mħaffa u fiduċjuża;

Billi, sabiex ikun stabbilit resqien razzjonali għar-riżultati tal-verifiki, l-informazzjoni għandha tkun ippreżentata għal kull settur ta' l-attività koperta bil-leġislazzjoni veterinarja;

Billi, għal raġunijiet prattiċi, informazzjoni bħal din għandha tkun trasmessa lejn il-Kummissjoni fil-forma elettronika;

Billi, sabiex ir-riżultati jistgħu jkunu espressi b'mod ċar, l-informazzjoni meħtieġa għandha tkun trasmessa f'għamla kkonsolidata għal kull settur fi Stat Membru partikolari bħala unità shiha mill-awtorità nazzjonali kompetenti;

Billi, sabiex tkun assigurata li s-sistema shiha tkun fiduċjuża, akkont għandu jittieħed biss ta' l-informazzjoni mill-verifiki uffiċjali li jkunu mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri;

Billi dispożizzjoni għandha ssir fl-ewwel istanza għall-informazzjoni dwar il-laħam frisk; billi din id-Deċiżjoni għandha sussegwentament tkun issuplimentata biex tinkludi s-setturi kollha koperti bil-leġislazzjoni veterinarja;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/662/KEE għas-settur ta' l-attività. Is-setturi ta' l-attività, li jkunu korrispondenti ma' dawk li hemm provvediment dwarhom fil-leġislazzjoni veterinarja, għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 2

Għal kull settur ta' l-attività, l-informazzjoni għandha tieħu akkont tal-verifiki uffiċjali mwettqa u r-riżultati akkwistati fl-oriġini u fid-destinazzjoni, u għandhom ikunu ppreżentati għal kull Stat Membru għal kull sena kalendarja.

Artikolu 3

1. L-informazzjoni għandha tkun ippreżentata bi qbil mal-mudell xieraq għal kull settur.

2. Il-mudell għas-settur tal-laħam frisk għandu jkun kif stabbilit fl-Anness III.

Artikolu 4

L-informazzjoni għandha tkun mgħoddija lejn il-Kummissjoni fl-għamla elettronika.

[1] ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.

Artikolu 5

L-informazzjoni għandha tkun mgħoddija darba kull sena mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju tas-sena segwenti ta' dik li fiha jkunu twettqu l-verifiki. L-ewwel forniment ta' l-informazzjoni bħal din, li tirrigwarda l-verifiki fl-1999, għandu jseħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2000.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

SETTURI TA' L-ATTIVITÀ

Is-Settur I **Laħam frisk**

Id-Direttiva tal-Kunsill **64/433/KEE** tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk (ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64).

Is-Settur II **Laħam tat-tjur**

Id-Direttiva tal-Kunsill **71/118/KEE** tal-15 ta' Frar 1971 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ fil-laħam frisk tat-tjur (ĠU L 55, at-8.3.1971, p. 23).

Is-Settur III **Il-Prodotti tal-Laħam**

Id-Direttiva tal-Kunsill **77/99/KEE** tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti mil-laħam u ċerti prodotti oħrajn ta' l-oriġini mill-annimali (ĠU L 26, at-31.1.1977, p. 85).

Is-Settur IV **Laħam imqatta'**

Id-Direttiva tal-Kunsill **94/65/KEE** ta' l-14 ta' Diċembru 1994 li tistabbilixxi l-ħtiġiet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam ikkappuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam (ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 10).

Is-Settur V **Prodotti tal-bajd**

Id-Direttiva tal-Kunsill **89/437/KEE** tal-20 ta' Ġunju 1989 dwar l-iġjene u l-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-bajd (ĠU L 212, at-22.7.1989, p. 87).

Settur VI **Prodotti tas-sajd**

Id-Direttiva tal-Kunsill **91/493/KEE** tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd (ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15).

Id-Direttiva tal-Kunsill **92/48/KEE** tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli minimi dwar l-iġjene applikabbli għall-prodotti tas-sajd maqbuda abbord ċerti vapuri bi qbil ma' l-Artikolu 3(1)(a)(i) tad-Direttiva 91/493/KEE (ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41).

Is-Settur VII **Molluski**

Id-Direttiva tal-Kunsill **91/492/KEE** tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-molluski bivalvi ħajjin (ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p.1).

Is-Settur VIII **Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib**

Id-Direttiva tal-Kunsill **92/46/KEE** tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa dwar il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-ħalib mhux ittrattat, tal-ħalib ittrattat bis-sħana u tal-prodotti bil-bażi tal-ħalib (ĠU L 268, ta' 14.9.1992, p. 1).

Is-Settur IX **Laħam tal-fenek u l-laħam ta' l-għasafar tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet**

Id-Direttiva tal-Kunsill **91/495/KEE** tas-27 ta' Novembru 1991 li tikkonċerna l-problemi tas-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam tal-fenek u tal-laħam ta' l-għasafar tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet (ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 41).

Is-Settur X **Laħam tal-kaċċa ferjali**

Id-Direttiva tal-Kunsill **92/45/KEE** tas-16 ta' Ġunju 1992 rigward il-problemi tas-saħħa pubblika u tas-saħħa ta' l-annimali li jirrigwardaw il-qtil tal-kaċċa ferjali u t-tqegħid fis-suq tal-laħam tal-kaċċa ferjali (ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 35).

Is-Settur XI **Prodotti oħrajn ta' l-oriġini mill-annimali**

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti mhux soġġetti għall-ħtiġiet imsemmija kif stabbiliti fir-regoli Komunitarji speċifiċi riferiti fl-Anness A (1) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward tal-patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49).

ANNESS II

1. IS-SETTUR I

LAĦAM FRISK

Id-Direttiva tal-Kunsill **64/433/KEE** tas-26 ta' Ġunju 1964 rigward il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk (ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64)

1.1. **Stat Membru: [***Kodiċi ISO***]**

1.2. **Is-sena ta' l-attività: […]**

1.3. **Verifiki uffiċjali fl-oriġini**

1.3.1. *L-awtorità/l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti:*

1.3.1.1. Il-Ministeru responsabbli għall-koordinazzjoni tal-verifiki: [*test*]

1.3.1.2. Id-Dipartiment responsabbli għas-settur ta' l-attività: [*test*]

1.3.1.3. Il-Ministeru/l-korp responsabbli biex jgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni

1.3.1.3.1. Isem: [*test*]

1.3.1.3.2. L-indirizz postali: [*it-test u l-kodiċi*]

1.3.1.3.3. Tel. Nru.: […]

1.3.1.3.4. Nru tal-Fax […]

1.3.1.3.5. L-indirizz ta' l-e-mail *(Inforvet)*: [*it-test u l-kodiċi*]

1.3.2. *In-numru ta' stabbilimenti soġġetti għall-verifiki uffiċjali fl-oriġini:*

1.3.2.1. Il-biċċeriji fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1) […]

1.3.2.2. L-impjanti tat-tqattiegħ fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1) […]

1.3.2.3. L-istabbilimenti tal-ħażna […]

1.3.3. *In-numru tal-postijiet assenjati għall-verifiki fl-oriġini* [1]*:*

1.3.3.1. Il-biċċeriji fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.3.1.1. Il-veterinarji […]

1.3.3.1.2. L-assistenti veterinarji […]

1.3.3.1.3. Il-kategoriji l-oħrajn tal-persunal […]

1.3.3.2. L-impjanti tat-tqattiegħ fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.3.2.1. Il-veterinarji […]

1.3.3.2.2. L-assistenti veterinarji […]

1.3.3.2.3. Il-kategoriji l-oħrajn tal-persunal […]

1.3.3.3. L-istabbilimenti tal-ħażna:

1.3.3.3.1. Il-veterinarji […]

1.3.3.3.2. L-assisstenti veterinarji […]

1.3.3.3.3. Il-kategoriji l-oħrajn tal-persunal […]

1.3.4. *Il-kwantitajiet soġġetti għall-verifiki:*

1.3.4.1. In-numru ta' annimali maqtula fil-biċċeriji fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.4.1.1. L-annimali bovini

1.3.4.1.1.1. L-annimali bovini adulti […]

1.3.4.1.1.2. L-annimali bovini żgtnar […]

1.3.4.1.2. *Solipiedi/equidae* […]

1.3.4.1.3. Il-majjali […]

1.3.4.1.4. In-nagħaġ […]

1.3.4.1.5. Il-mogħoż […]

[1] In-numru ta' postijiet f'kull kategorija ta' persunal huma kkalkolati fuq il-bażi tal-medja annwali tal-ħin tax-xogħol ta' dik il-kategorija.

1.3.4.2. Il-piż tal-laħam (f'tunnellati) li jidħol fl-impjanti tat-tqattiegħ fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1): […]

1.3.4.3. Il-piż tal-laħam (f'tunnellati) li jidħol fl-istabbilimenti tal-ħażna: […]

1.3.5. *In-numru ta' l-eżamijiet imwettqa fil-laboratorju:*

1.3.5.1. Il-biċċeriji fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.5.1.1. It-testijiet dwar ir-residwi u l-kontaminanti […]

1.3.5.1.2. L-eżamijiet batterjaloġiċi, inklużi t-testijiet għal patoġeni, fuq il-laħam […]

1.3.5.1.3. It-testijiet għat-trikina u l-parassiti l-oħrajn […]

1.3.5.1.4. It-testijiet l-oħrajn […]

1.3.5.2. L-impjanti tat-tqattiegħ fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.5.2.1. L-eżamijiet batterjoloġiċi, inklużi t-testijiet għal patoġeni, fuq il-laħam […]

1.3.5.2.2. It-testijiet l-oħrajn […]

1.3.5.3. L-istabbilimenti tal-ħażna:

1.3.5.3.1. L-eżamijiet batterjoloġiċi, inklużi t-testijiet għal patoġeni, fuq il-laħam […]

1.3.5.3.2. It-testijiet l-oħrajn […]

1.3.6. *In-numru ta' verifiki apparti mill-eżamijiet batterjoloġiċi mwettqa mill-awtorità kompetenti:*

1.3.6.1. Il-biċċeriji fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.6.1.1. Il-verifiki regolari fuq l-istabbilimenti (it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 89/662/KEE […]

1.3.6.1.2. Il-verifika tas-sorveljanza interna dwar il-miżuri mwettqa dwar […]

1.3.6.2. L-impjanti tat-tqattiegħ fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.6.2.1. Il-verifiki regolari fuq l-istabbilimenti (it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 89/662/KEE […]

1.3.6.2.2. Il-verifika tas-sorveljanza interna dwar il-miżuri mwettqa fuq […]

1.3.6.3. L-istabbilimenti tal-ħażna:

1.3.6.3.1. Il-verifiki regolari fuq l-istabbilimenti (it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 89/662/KEE [...]

1.3.6.3.2. Il-verifika tas-sorveljanza interna dwar il-miżuri mwettqa fuq […]

1.3.7. *Ir-riżultati kwantitattivi tal-verifiki fl-oriġini:*

1.3.7.1. Il-biċċeriji fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.7.1.1. L-istabbilimenti

1.3.7.1.1.1. Approvati ġodda […]

1.3.7.1.1.2. Sospiżi temporanjament […]

1.3.7.1.1.3. Sospiżi definittivament […]

1.3.7.1.2. L-ispezzjoni *ante mortem*

1.3.7.1.2.1. L-annimali definittivament eskluż mill-qatla għall-konsum uman […]

1.3.7.1.3. L-ispezzjoni *post mortem*

1.3.7.1.3.1. In-numru ta' karkassi sħaħ issekwestrati […]

1.3.7.2. L-impjanti tat-tqattiegħ fil-lista riferita fl-Artikolu 10(1):

1.3.7.2.1. L-istabbilimenti

1.3.7.2.1.1. Approvati ġodda […]

1.3.7.2.1.2. Sospiżi temporanjament […]

1.3.7.2.1.3. Sospiżi definittivament […]

1.3.7.2.2. L-ispezzjoni

1.3.7.2.2.1. It-tunnelaġġ issekwestrat […]

1.3.7.3. L-istabbilimenti tal-ħażna:
1.3.7.3.1. L-istabbilimenti
1.3.7.3.1.1. Approvati ġodda […]
1.3.7.3.1.2. Sospiżi temporanjament […]
1.3.7.3.1.3. Sospiżi definittivament […]
1.3.7.3.2. L-ispezzjoni
1.3.7.3.2.1. It-tunnelaġġ issekwestrat […]

1.4. **L-organizzazzjoni għall-verifiki uffiċjali fid-destinazzjoni**

1.4.1. *L-awtorità/l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti* ([1]):
1.4.1.1. Il-Ministeru responsabbli għall-koordinazzjoni tal-verifiki: [*test*]
1.4.1.2. Id-Dipartiment responsabbli għas-settur ta' l-attività: [*test*]
1.4.1.3. Il-Ministeru/l-korp responsabbli biex jgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni
1.4.1.3.1. Isem: [*test*]
1.4.1.3.2. L-indirizz postali: [*it-test u l-kodiċi*]
1.4.1.3.3. Tel. Nru.: […]
1.4.1.3.4. Nru tal-Fax […]
1.4.1.3.5. L-indirizz ta' l-e-mail (*Inforvet*): [*it-test u l-kodiċi*]

1.4.2. *In-numru ta' l-istabbilimenti soġġetti għall-verifiki uffiċjali fid-destinazzjoni: […]*

1.4.3. *In-numru tal-postijiet assenjati għall-verifiki fid-destinazzjoni* ([2]): *[…]*

1.4.4. *Il-kwantità mwassla fid-destinazzjoni minn Stati Membri oħrajn: […]*

1.4.5. *In-numru ta' verifiki uffiċjali fid-destinazzjoni:*

1.4.5.1. Verifiki tad-dokumenti: […]

1.4.5.2. Verifiki ta' l-identità: […]

1.4.5.3. Verifiki fiżikament attwali:
1.4.5.3.1. Aktar verifiki veterinarji […]
1.4.5.3.2. L-eżaminazzjonijiet fil-laboratorju
1.4.5.3.2.1. It-testijiet dwar ir-residwi u l-kontaminanti […]
1.4.5.3.2.2. L-eżamijiet batterjoloġiċi, inklużi t-testijiet għal patoġeni, fuq il-laħam […]
1.4.5.3.2.3. It-testijiet l-oħrajn […]

1.4.6. *Ir-riżultati tal-verifiki fiżikament attwali fid-destinazzjoni:*

1.4.6.1. Verifiki tad-dokumenti:
1.4.6.1.1. L-istabbiliment mhux approvat ta' l-oriġini […]
1.4.6.1.2. Id-dokument nieqes […]
1.4.6.1.3. Nuqqas ta' konformità tad-dokument […]

1.4.6.2. Verifiki ta' l-identità:
1.4.6.2.1. Dokument li ma jaqbilx mal-laħam […]
1.4.6.2.2. Kitba, marka jew timbru uffiċjali nieqes […]
1.4.6.2.3. L-eżaminazzjoni li tipproduċi riżultati mhux favorevoli:
1.4.6.2.3.1. Laħam […]
1.4.6.2.3.2. Mezzi tat-trasport […]

1.4.6.3. Verifiki fiżikament attwali b'riżultat mhux favorevoli:
1.4.6.3.1. Aktar verifiki veterinarji […]
1.4.6.3.2. L-eżaminazzjoni fil-laboratorju […]

([1]) In-numru ta' postijiet ta' persunal assenjati għall-verifiki huma kkalkolati fuq il-bażi tal-medja annwali tal-ħin tax-xogħol ta' dak il-persunal.
([2]) Biss meta differenti mill-awtorità/awtoritajiet murija fil-punt 1.3.1.

1.5. **Il-verifiki uffiċjali mad-dħul (l-Artikolu 6(1)(b) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 89/662/KEE:**

1.5.1. *L-awtorità/l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti* ([1]):

1.5.1.1. Il-Ministeru responsabbli għall-koordinazzjoni tal-verifiki [*test*]

1.5.1.2. Id-Dipartiment responsabbli għas-settur ta' l-attività [*test*]

1.5.1.3. Il-Ministeru/l-korp responsabbli biex jgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni:

1.5.1.3.1. Isem: [*test*]

1.5.1.3.2. L-indirizz postali: [*it-test u l-kodiċi*]

1.5.1.3.3. Tel. Nru.: […]

1.5.1.3.4. Nru tal-Fax […]

1.5.1.3.5. L-indirizz tal-e-mail (*Inforvet*): [*it-test u l-kodiċi*]

1.5.2. *In-numru ta' konsenji soġġetti għall-verifiki uffiċjali mad-dħul […]*

1.5.3. *In-numru ta' verifiki uffiċjali mad-dħul:*

1.5.3.1. Verifiki tad-dokumenti: […]

1.5.3.2. Verifiki oħrajn […]

1.5.4. *Ir-riżultati tal-verifiki uffiċjali mad-dħul:*

1.5.4.1. Verifiki tad-dokumenti: […]

1.5.4.2. Verifiki oħrajn […]

([1]) Biss meta differenti mill-awtorità/awtoritajiet murija fil-punt 1.4.1.